VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,924, 20 ta' Diċembru, 2017
Taqsima B

A.L. 372 tal-2017

ATT KONTRA *MONEY LAUNDERING* (KAP. 373*)*

Regolamenti tal-2017 kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 12 tal-Att kontra *Money Laundering*, il-Ministru għall-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2017 kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, 2017.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2018.

(3) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa sabiex jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet ta' *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu.

Tifsir u applikazzjoni.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"l-Att" tfisser l-Att kontra *Money Laundering*; Kap. 373.

"attività kriminali" għandha l-istess tifsira bħal dak mogħtija lill-frażi fl-Att;

"attività rilevanti" tfisser l-attività tal-persuni ġuridiċi jew fiżiċi li ġejjin meta dawn ikunu qegħdin jeżerċitaw l-attivitajiet professjonali tagħhom:

(a) awdituri, *accountants* esterni u konsulenti dwar it-taxxa, inkluż meta dawn ikunu qegħdin jaġixxu kif hemm provdut fil-paragrafu (ċ);

(b) aġenti ta' proprjetà immobbli;

(ċ) nutara u professjonisti legali indipendenti oħra meta dawn jipparteċipaw, sew billi jaġixxu għan-nom ta' u f'isem il-klijent tagħhom f'xi operazzjoni finanzjarja jew dwar proprjetà immobbli sew meta jassistu fl-ippjanar jew fit-twettiq ta' operazzjonijiet għall-klijenti tagħhom dwar –

(i) ix-xiri u l-bejgħ ta' proprjetà immobbli jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

entitajiet kummerċjali;

(ii) l-amministrazzjoni tal-flus, titoli jew xi attiv ieħor ta' klijent, kemm-il darba dik l-attività ma ssirx taħt liċenza maħruġa taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment;

Kap. 370.

(iii) il-ftuħ jew amministrazzjoni ta' kontijiet bankarji, ta' tifdil jew titoli;

(iv) l-organizzazzjoni ta' kontribuzzjonijiet meħtieġa għall-formazzjoni, l-operazzjoni jew it-tmexxija ta' kumpanniji;

(v) il-formazzjoni, l-operazzjoni jew it-tmexxija ta' kumpanniji, *trusts*, fondazzjonijiet jew strutturi simili, jew meta jkunu qegħdin jaġixxu bħala provditur ta' servizz lil *trusts* jew kumpanniji;

(d) provdituri ta' servizz lil *trusts* u kumpanniji;

(e) kumpanniji *nominee* li jkunu detenturi ta' *warrant* taħt l-Att dwar l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta, u li jaġixxu fir-rigward ta' kumpanniji xolti li jkunu reġistrati taħt l-Att imsemmi;

Kap. 330.

(f) detenturi ta' liċenza ta' każinò;

(g) detenturi ta' liċenza dwar il-logħob; u

(h) xi persuna fiżika jew ġuridika li tikkummerċja oġġetti, imma biss meta dik l-operazzjoni tkun tinvolvi ħlas fi flus kontanti f'ammont ekwivalenti għal għaxart elef euro (€10,000) jew iżjed sew jekk l-operazzjoni titwettaq bħala operazzjoni unika sew jekk f'diversi operazzjonijiet li jidhru li jkunu konnessi;

"awtorità kompetenti" tfisser:

(a) kull awtorità sorveljanti;

(b) il-Kontrollur tad-Dwana meta jkun qed iwettaq dmirijiet taħt regolamenti li jistgħu jinħarġu jew li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien u li jkollhom x'jaqsmu mal-moviment transkonfini ta' flus kontanti u ta' strumenti finanzjarji oħra;

(ċ) il-Kummissarju tat-Taxxi;

(d) is-Servizz ta' Sigurtà; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) il-Bord ta' Sorveljanza dwar is-Sanzjonijiet;

"awtorità sorveljanti" tfisser –

(a) il-Bank Ċentrali ta' Malta;

(b) l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta;

(ċ) ir-Reġistratur tal-Kumpanniji meta jaġixxi taħt l-artikoli 403 sa 423 tal-Att dwar il-Kumpanniji; Kap. 386.

(d) l-Awtorità Maltija dwar il-Logħob meta taġixxi taħt l-Att dwar Lotteriji u Logħob ieħor, u l-Att dwar il-Logħob, u kull regolamenti maħruġa taħt dawk l-Atti; Kap. 438. Kap. 400.

(e) il-Kumitat għas-Sorveljanza fuq l-Assikurazzjoni ta' Kwalità maħtur mill-Bord tal-*Accountancy* taħt l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*; Kap. 281.

"Awtoritajiet Superviżorji Ewropej" għandha l-istess tifsira bħal dak mogħtija lill-fraži fl-Att;

"detentur ta' liċenza dwar il-logħob" tfisser kull min ikun awtorizzat taħt l-Att dwar Lotteriji u Logħob ieħor, sabiex jipprovdi servizz ta' logħob; Kap. 438.

"finanzjar ta' terroriżmu" tfisser l-imġieba deskritta fl-artikoli 328F u 328I t-tnejn inklużi, tal-Kodiċi Kriminali; Kap. 9.

"flus elettroniċi" għandha l-istess tifsira bħal dak mogħtija lill-fraži fil-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji; Kap. 376.

"ġurisdizzjoni mhux ta' fama" tfisser ġurisdizzjoni li jkollha nuqqasijiet fir-reġim nazzjonali tagħha għall-prevenzjoni ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu jew li ma jkollhiex miżuri leġislattivi adatti u effettivi għall-prevenzjoni ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu, meta jitqies kull akkreditament, dikjarazzjoni, stqarrija pubblika jew rapport maħruġ minn xi organizzazzjoni internazzjonali li tistabbilixxi *standards* rikonoxxuti internazzjonalment għall-prevenzjoni ta' *money laundering* u għall-ġlieda kontra l-iffinanzjar ta' terroriżmu jew li tissorvelja l-konformità magħhom, jew li tkun ġurisdizzjoni identifikata mill-Kummissjoni Ewropea kif hemm fl-artikolu 9 tad-Direttiva (UE) 2015/849;

"grupp" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kelma fl-Att dwar il-Kumpanniji; Kap. 386.

"każinò" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha bl-artikolu 2 tal-Att dwar il-Logħob u "detentur ta' liċenza ta' każinò" Kap. 400.

VERŻJONI ELETTRONIKA

f'dawn ir-regolamenti għandha tinftiehem f'dan is-sens;

"klijent" tfisser persuna ġuridika jew fiżika li tkun qegħda tfittex li tifforma, jew li tkun ifformat relazzjoni kummerċjali, jew li tkun qegħda tfittex li tagħmel xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien ma' persuna li tkun qegħda taġixxi fil-kors jew ta' kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti;

"Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att;

"korp ta' tmexxija" tfisser il-bord tad-diretturi jew, meta ma jkunx hemm bord tad-diretturi, dak il-korp li jkollu poteri u funzjonijiet ekwivalenti;

"kummerċ tal-assigurazzjoni fit-tul" tfisser il-kummerċ tal-assigurazzjoni ta' xi waħda minn dawk il-klassijiet speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab mal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni;

Kap. 403

"kummerċ finanzjarju rilevanti" tfisser –

(a) kummerċ bankarju li jsir minn persuna jew istituzzjoni li matul dak iż-żmien ikollha liċenza, jew tkun meħtieġa li jkollha liċenza, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummerċ Bankarju;

Kap. 371.

(b) attività ta' istituzzjoni finanzjarja li ssir minn persuna jew istituzzjoni li matul dak iż-żmien ikollha liċenza, jew tkun meħtieġa li jkollha liċenza, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji;

Kap. 376.

(ċ) kummerċ tal-assigurazzjoni fit-tul, liema kummerċ iżda ma jkunx kummerċ ta' riassigurazzjoni, immexxi minn persuna jew istituzzjoni li tkun matul dak iż-żmien awtorizzata, jew meħtieġa li tkun awtorizzata, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kummerċ tal-Assigurazzjoni;

Kap. 403.

(d) attivitajiet ta' intermedjarju fl-assigurazzjoni li jitwettqu minn intermedjarju fl-assigurazzjoni jew minn intermedjarju marbut fl-assigurazzjoni relatati mal-kummerċ tal-assigurazzjoni fit-tul liema persuna jew istituzzjoni tkun iskritta jew meħtieġa li tkun iskritta taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar l-Intermedjarji fl-Assigurazzjoni, iżda li ma tkunx persuna fiżika li tkun reġistrata jew iskritta u li taġixxi għan-nom ta' intermedjarju marbut fl-assigurazzjoni jew persuna jew istituzzjoni iskritta bħala intermedjarju marbut fl-assigurazzjoni li ma tiġbor ebda premiums, jew ammonti oħra maħsuba għad-detentur tal-polza jew għal benefiċjarju;

Kap. 487.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(e) kummerċ tal-assigurazzjoni fit-tul, liema kummerċ iżda ma jkunx kummerċ ta' riassigurazzjoni, mwettaq minn persuna skont ir-Regolamenti dwar *Insurance Business (Captive Insurance Undertakings and Captive Reinsurance Undertakings)*, minn kumpannija ċellulari skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar l-Att dwar il-Kumpanniji (Kumpanniji Ċellulari li Jmexxu Kummerċ ta' Assigurazzjoni), jew minn kumpannija ċellulari inkorporata u ċellula inkorporata skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar *Incorporated Cell Companies Carrying On Business Of Insurance* taħt l-Att dwar il-Kumpanniji; L.S. 403.11. L.S. 386.10. L.S. 386.13.

(f) servizzi ta' investiment li jsiru minn persuna jew istituzzjoni li jkollhom liċenza jew li jkunu meħtieġa li jkollhom liċenza taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment; Kap. 370.

(g) servizzi ta' amministrazzjoni għal skemi ta' investiment kollettiv provduti minn persuna jew istituzzjoni rikonoxxuta jew li jkun meħtieġ li tkun rikonoxxuta taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment, li ma jkunux servizzi ta' amministrazzjoni provduti minn kumpanniji ċellulari inkorporati rikonoxxuti skont ir-Regolamenti dwar *Recognised Incorporated Cell Companies* taħt l-Att dwar il-Kumpanniji; Kap. 370. L.S. 386.15..

(h) skema ta' investiment kollettiv li tkun qegħda tqiegħed fis-suq l-unitajiet jew l-ishma tagħha, li jkollha liċenza jew li tkun rikonoxxuta jew notifikata, jew meħtieġa li jkollha liċenza jew li tkun rikonoxxuta jew notifikata, taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi ta' Investiment; Kap. 370.

(i) kull attività li ma tkunx skema tal-irtirar jew fond għall-irtirar, u li ssir fir-rigward ta' xi skema tal-irtirar, minn persuna jew istituzzjoni li jkollha liċenza jew li jkun meħtieġ li jkollha liċenza taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Pensjonijiet tal-Irtirar, u għall-fini ta' dan il-paragrafu, "skema tal-irtirar" u "fond għall-irtirar" għandu jkollhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilhom fil-Att dwar Pensjonijiet tal-Irtirar; Kap. 514.

(j) attività ta' suq regolat u dak ta' depożitu ċentrali ta' titoli li tkun awtorizzata jew meħtieġa li tkun awtorizzata taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji; Kap. 345.

(k) servizzi tal-kustodja sikura provduti minn xi persuna jew istituzzjoni li ma humiex koperti taħt il-paragrafu (a) jew (f);

(l) attività taħt il-paragrafi (a) sa (h) li ssir minn fergħat

VERŻJONI ELETTRONIKA

imwaqqfa f'Malta u li jkollhom l-uffiċċji prinċipali tagħhom barra minn Malta;

"kumpannija" għandha l-istess tifsira bħal dak mogħtija lilha fl-Att dwar il-Kumpanniji; Kap. 386.

"maniġment superjuri" tfisser uffiċjal jew impjegat b'għarfien suffiċjenti dwar l-esponiment għar-riskju ta' *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu tal-persuna suġġetta u anzjanità suffiċjenti li jista jieħu deċiżjonijiet li jaffettwaw l-esponiment tagħha għar-riskju, u li mhuwiex meħtieġ li jkun membru tal-korp tat-tmexxija;

"*money laundering*" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lilha fl-Att;

"operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien" tfisser operazzjoni li ssir, jew servizz li jiġi provdut, minn persuna suġġetta għall-klijent tagħha, li ma tkunx operazzjoni jew servizz li ssir jew jiġi provdut fil-kuntest ta' relazzjoni kummerċjali, u tinkludi dawn li ġejjin:

(a) operazzjoni li tammonta għal ħmistax-il elf euro (€15,000) jew iżjed, sew jekk l-operazzjoni ssir f'darba waħda jew f'diversi drabi li jkunu jidhru li jkunu konnessi;

(b) trasferiment ta' fondi kif imfisser fir-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015, li jeċċedi l-elf euro (€1,000) sew jekk l-operazzjoni ssir f'darba waħda jew f'diversi drabi li jkunu jidhru li jkunu konnessi;

(ċ) operazzjoni fi flus kontanti f'ammont ekwivalenti għal għaxart elef euro (€10,000) jew iżjed, li titwettaq minn persuna fiżika jew ġuridika li tikkummerċja oġġetti sew jekk l-operazzjoni ssir f'darba waħda jew f'diversi drabi li jkunu jidhru li jkunu konnessi;

(d) operazzjoni li tammonta għal elfejn euro (€2,000) jew iżjed, li titwettaq minn detentur ta' liċenza dwar il-logħob jew ta' każinò sew jekk l-operazzjoni ssir f'darba waħda jew f'diversi drabi li jkunu jidhru li jkunu konnessi;

(e) l-għoti ta' pariri dwar it-taxxa; u

(f) il-formazzjoni ta' kumpannija, *trust*, fondazzjoni jew struttura simili.

"persuni politikament esposti" tfisser persuni fiżiċi li huma fdati jew li kienu fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti, li ma jkunux

VERŻJONI ELETTRONIKA

uffiċjali ta' gradi medji jew ta' gradi inqas. Għall-finijiet ta' din it-tifsira l-frażi "persuni fiżiċi li huma jew kienu fdati b'funzjonijiet pubbliċi prominenti" tinkludi dawn li ġejjin:

(a) Kapijiet ta' Stat, Kapijiet ta' Gvern, Ministri, Viċi Ministri jew Assistenti Ministri, u Segretarji Parlamentari;

(b) Membri Parlamentari jew ta' korpi leġislattivi simili;

(ċ) Membri tal-korpi governattivi ta' partiti politiċi;

(d) Membri ta' qrati superjuri, supremi, u kostituzzjonali jew ta' korpi ġudizzjarji oħra ta' livell għoli li d-deċiżjonijiet tagħhom mhumiex suġġetti għal appell ulterjuri, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali;

(e) Membri ta' qrati tal-awdituri jew ta' bordijiet ta' banek ċentrali;

(f) Ambaxxaturi, *charges d'affaires* u uffiċjali ta' grad għoli fil-forzi armati;

(g) Membri tal-korpi amministrattivi, maniġerjali jew superviżorji ta' intrapriżi li huma proprjetà tal-Istat;

(h) Kull min ikun qiegħed jeżerċita xi funzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fil-paragrafi (a) sa (f) fi ħdan xi istituzzjoni tal-Unjoni Ewropea jew ta' xi korp internazzjonali ieħor;

"persuna suġġetta" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li tkun qegħda twettaq jew kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti;

"provdituri ta' servizz lil *trusts* u kumpanniji'" tfisser persuna fiżika jew ġuridika li:

(a) tipprovdi servizzi ta' *trustee* jew servizzi fiduċjarji oħra, sew jekk awtorizzata u sew jekk m'hijiex, skont l-Att dwar *Trusts* u *Trustees*, minbarra persuni li jaġixxu bħala *trustees* skont l-artikolu 43A tal-Att imsemmi; Kap. 331.

(b) taġixxi bħala provditur ta' servizz lil kumpannija, sew jekk reġistrata u sew jekk notifikata, skont l-Att dwar Provdituri ta' Servizz lil Kumpanniji; Kap. 529.

(ċ) tirranġa, fil-kuntest ta' negozju, biex persuna oħra taġixxi bħala *trustee* ta' *trust* espressa jew ta' xi arranġament

VERŻJONI ELETTRONIKA

legali simili;

(d) tirranġa, fil-kuntest ta' negozju, biex persuna oħra taġixxi bħala azzjonist fiduċjarju għal persuna oħra li ma tkunx kumpannija elenkata fuq suq regolat fejn tkun soġġetta għal ħtiġiet ta' żvelar konformement mal-Att dwar is-Swieq Finanzjarji, jew li tkun soġġetta għal standards internazzjonali ekwivalenti;

Kap. 345.

"*shell institution*" tfisser istituzzjoni li tkun qegħda twettaq attivitajiet ekwivalenti għal kummerċ finanzjarju rilevanti, inkorporata f'ġurisdizzjoni fejn ma jkollha ebda preżenza fiżika, li tinvolvi ħsieb u ġestjoni sinifikanti, u li ma tkunx affiljata ma' xi grupp finanzjarju regolat;

"relazzjoni ta' korrispondenza" tfisser:

(a) il-forniment ta' servizzi bankarji minn bank wieħed bħala l-korrispondent lil bank ieħor bħala r-rispondenti, inkluża l-provvista ta' kont kurrenti jew kont ta' responsabbiltà ieħor u servizzi relatati, bħal ġestjoni ta' flus kontanti, trasferimenti ta' fondi internazzjonali, iklerjar ta' ċekkijiet, kontijiet *payable-through* u servizzi ta' kambju;

(b) ir-relazzjonijiet bejn u fost istituzzjonijiet li jwettqu kummerċ finanzjarju rilevanti jew attivitajiet ekwivalenti inkluż fejn jiġu fornuti servizzi simili għal dawk taħt il-paragrafu (a) minn istituzzjoni korrispondenti lil istituzzjoni rispondenti, u inklużi relazzjonijiet stabbiliti għal transazzjonijiet ta' titoli jew trasferimenti ta' fondi;

"relazzjoni kummerċjali" tfisser relazzjoni ta' negozju, professjonali jew kummerċjali bejn żewġ persuni jew aktar, li mill-inqas waħda minnhom tkun qegħda taġixxi fit-twettiq jew ta' kummerċ finanzjarju rilevanti jew attività rilevanti, u li jkollha, jew li fiż-żmien meta jsir il-kuntatt tkun mistennija jkollha, element ta' durata;

"servizz ta' logħob" tfisser li tagħmel logħba disponibbli għal parteċipazzjoni minn ġukaturi, u "logħba" għanda jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kelma fl-Att dwar Lotteriji u Logħob Ieħor;

Kap. 438.

"sid benefiċjarju" tfisser il-persuna jew persuni fiżiċi li finalment ikunu jippossjedu jew jikkontrollaw lill-klijent u, jew il-persuna jew persuni fiżiċi li f'isimhom tkun qegħda ssir xi operazzjoni jew attività, u:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) fil-każ ta' korp magħqud jew korp ta' persuni, is-sid benefiċjarju jkun jikkonsisti f'persuna jew persuni fiżiċi li finalment ikunu jippossjedu jew jikkontrollaw lil dak il-korp magħqud jew korp ta' persuni permezz ta' pussess dirett jew indirett ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) u sehem (1) jew aktar tal-ishma jew iżjed minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-jeddijiet tal-votazzjoni jew interess ta' pussess ta' iktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) f'dak il-korp magħqud jew korp ta' persuni, inkluż permezz ta' parteċipazzjoni azzjonarja *bearer*, jew permezz ta' kontroll b'mezzi oħra, li ma tkunx kumpannija elenkata fuq suq regolat li jkun soġġett għal ħtiġiet ta' żvelar konsistenti mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea jew *standards* internazzjonali ekwivalenti li jiżguraw trasparenza adegwata ta' informazzjoni dwar il-pussess:

Iżda parteċipazzjoni azzjonarja ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) u sehem (1) jew aktar mill-ishma, jew iż-żamma ta' interess ta' pussess jew jeddijiet tal-votazzjoni ta' iżjed minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) fil-klijent għandhom jindikaw li jkun hemm pussess dirett meta dawn jinżammu direttament minn persuna fiżika, u ta' pussess indirett meta dawn jinżammu minn xi korp magħqud jew korp ta' persuni, wieħed jew aktar, jew permezz ta' *trust* jew ta' xi arranġament ġuridiku simili, jew ta' xi tagħqid tagħhom:

Iżda wkoll jekk, wara li jkunu ġew eżawriti l-mezzi kollha possibbli u sakemm ma jkun hemm ebda bażi għal xi suspett, ma jkun ġie identifikat ebda sid benefiċjarju kif jingħad f'dan il-paragrafu, persuni suġġetti għandhom iqisu lill-persuna jew lill-persuni fiżiċi li jkollhom il-kariga ta' uffiċjal jew uffiċjali amministrattivi anzjani bħala li jkunu s-sidien benefiċjarji, u għandhom iżommu *record* tal-azzjonijiet meħudin biex jidentifikaw lis-sid benefiċjarju kif hawn f'dan il-paragrafu;

(b) fil-każ ta' *trusts* is-sid benefiċjarju jkun jikkonsisti:

(i) fis-*settlor*;

(ii) fit-*trustee* jew t*rustees*;

(iii) fil-protettur, meta jkun il-każ;

(iv) fil-benefiċjarji jew fil-klassi ta' benefiċjarji kif jista' jkun il-każ; u

(v) f'kull persuna fiżika oħra li tkun qegħda teżerċita kontroll finali fuq it-*trust* permezz ta' pussess

VERŻJONI ELETTRONIKA

dirett jew indirett jew b'mezzi oħra;

(ċ) fil-każ ta' entitajiet ġuridiċi bħal ma huma fondazzjonijiet, u arranġamenti ġuridiċi simili għal *trusts*, is-sid benefiċjarju jkun jikkonsisti fil-persuna jew persuni fiżiċi li jkollhom pożizzjonijiet ekwivalent għal dawk imsemmija fil-paragrafu (b);

"skema ta' investiment kollettiv", u "unitajiet" għandhom l-istess tifsira bħal dik mogħtija lil dawn il-frażijiet rispettivament fl-Att dwar Servizzi ta' Investiment; Kap. 370.

"Stat Membru" għandha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-kelma fl-Att;

"terroriżmu" tfisser kull att ta' terroriżmu kif imfisser fl-artikolu 328A tal-Kodiċi Kriminali. Kap. 9.

(2) Meta dawn ir-regolamenti jiġu estiżi għal professjonijiet u kategoriji oħra ta' impriżi li ma jkunux dawk imsemmija f'dan ir-regolament u li l-attivitajiet tagħhom partikolarment x'aktarx jintużaw għall-finijiet ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, dawn ir-regolamenti għandhom ikunu japplikaw kollha kemm huma jew f'parti minnhom skont ma jiġi stabbilit f'dik l-estensjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Att, u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jgħarraf lill-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea b'dan.

(3) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, flimkien mal-awtorità sorveljanti rilevanti, jista' jitlob li l-entitajiet emittenti ta' flus elettroniċi jew li jipprovdu servizzi ta' pagament u li l-uffiċċju ewlieni tagħhom ikun jinsab fi Stat Membru ieħor, u li jkunu stabbiliti f'Malta f'forom oħra li mhumiex fergħa, jaħtru punt ta' kuntatt ċentrali f'Malta biex jiżguraw għan-nom tal-istituzzjoni li taħtarom il-konformità ma' dawn ir-regolamenti u jiffaċilitaw is-sorveljanza ta' dik il-konformità, inkluż billi jipprovdu lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u lill-awtoritajiet sorveljanti b'informazzjoni u dokumenti meta dawn jintalbu.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom ukoll japplikaw meta jseħħ jew jitwettaq "kummerċ finanzjarju rilevanti" jew "attività rilevanti" kif imfissra f'dan ir-regolament permezz tal-Internet jew mezzi elettroniċi oħra.

(5) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jikkoopera mal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej għall-finijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849 u għandu jipprovdi lill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej b'kull informazzjoni li tkun meħtieġa biex

VERŻJONI ELETTRONIKA

iwettqu dmirijiethom taħt id-Direttiva (UE) 2015/849 u taħt ir-Regolament (UE) Nru. 1093/2010, ir-Regolament (UE) Nru. 1094/ 2010 u r-Regolament (UE) Nru. 1095/ 2010.

Servizzi speċifiċi ta' logħob.

3. (1) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, flimkien mal-awtorità sorveljanti rilevanti jista', wara li ssir valutazzjoni ta' riskju adatta, jistabbilixxi li dawn ir-regolamenti m'għandhomx ikunu japplikaw, kollha kemm huma jew biss f'parti minnhom, għal servizzi ta' logħob speċifiċi abbażi ta' riskju baxx ippruvat ta' *money laundering* u finanzjar ta' terroriżmu li jirriżulta mix-xorta u, fejn ikun adatt, mill-iskala ta' operazzjonijiet ta' dawk is-servizzi.

(2) Kull eżenzjoni mogħtija skont is-subregolament (1) għandha tkun revokata jekk il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, flimkien mal-awtorità sorveljanti rilevanti, jistabbilixxi li r-riskju ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu ppreżentat minn dawk is-servizzi ta' logħob ma jistax jibqa' jitqies li jkun baxx.

(3) Kull eżenzjoni jew revoka skont dan ir-regolament għandha tiġi komunikata lill-Kummissjoni Ewropea.

(4) Id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) m'għandhomx ikunu japplikaw għal każinò u/jew għal kwalunkwe tip ta' logħob każinò li jiġu provduti permezz ta' mezzi elettroniċi ta' komunikazzjoni fil-bogħod.

Kummerċ finanzjarju rilevanti fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna.

4. (1) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jistabbilixxi li persuni fiżiċi u legali li jkunu involuti f'xi attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna u meta jkun hemm ftit riskju li jsir xi *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu, m'għandhomx jitqiesu bħala persuni suġġetti għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(2) Għall-fini li jistabilixxi dak provdut taħt is-subregolament (1) il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu iqis li persuna ġuridika jew fiżika tkun qegħda tipparteċipa f'attività finanzjarja fuq bażi okkażjonali jew limitata ħafna meta jiġi sodisfatt kull wieħed minn dawn il-kriterji li ġejjin:

(a) il-fatturat annwali totali tal-attività finanzjarja ma jkunx jeċċedi il-ħmistax-il elf euro (€15,000), u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jistabbilixxi limiti differenti li ma jeċċedux dan l-ammont kif jiddependi mit-tip ta' attività finanzjarja;

(b) kull operazzjoni għal kull klijent ma tkunx teċċedi l-ħames mitt euro (€500) sew jekk l-operazzjoni issir f'darba

VERŻJONI ELETTRONIKA

waħda, jew f'diversi drabi li jkunu jidhru li jkunu konnessi, u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jistabbilixxi limiti differenti li ma jeċċedux dan l-ammont kif jiddependi mit-tip ta' attività finanzjarja;

(ċ) l-attività finanzjarja ma tkunx l-attività prinċipali u f'termini assoluti ma tkunx teċċedi l-ħamsa fil-mija (5%) tal-fatturat totali tal-persuna fiżika jew ġuridika involuta;

(d) l-attività finanzjarja tkun anċillari u direttament relatata mal-attività prinċipali;

(e) l-attività prinċipali ma tkunx attività msemmija fit-tifsira ta' "kummerċ finanzjarju rilevanti" jew "attività rilevanti"; u

(f) l-attività finanzjarja tkun provduta biss lill-klijenti tal-attività prinċipali u ma tkunx ġeneralment offruta lill-pubbliku:

Iżda meta tittieħed deċiżjoni taħt is-subregolament (1) fir-rigward ta' persuna li tipparteċipa fil-rimessa u trasferiment ta' flus, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jikkonsidra biss il-kriterji stipulati fil-paragrafi (b) sa (f).

(3) Meta jiġi evalwat ir-riskju ta' *money laundering* jew tal-iffinanzjar ta' terroriżmu għall-finijiet tas-subregolament (1), il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jagħti każ sew għal, u jeżamina attività finanzjarja li b'mod partikolari x'aktarx, minħabba n-natura tagħha stess, tintuża jew tiġi abbużata għal *money laundering* jew għall-iffinanzjar ta' terroriżmu u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja m'għandux iqis dik l-attività finanzjarja bħala waħda li tirrappreżenta riskju baxx ta' *money laundering* jew ta' finanzjar ta' terroriżmu jekk l-informazzjoni disponibbli tkun tindika xorta oħra.

(4) Meta tittieħed deċiżjoni taħt is-subregolament (1) il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu ukoll jiddikjara r-raġunijiet li fuqom dik id-deċiżjoni hi ibbażata u għandu jirrevoka dik id-deċiżjoni jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi.

(5) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jistabbilixxi mekkaniżmi ta' monitoraġġ ibbażat fuq ir-riskju jew miżuri oħra adegwati kif jkun prattikabbli sabiex jiġi żgurat li d-deċiżjonijiet meħuda taħt is-subregolament (1) ma jiġux abbużati għall-*money laundering* jew għall-iffinanzjar ta' terroriżmu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea dwar kull deċiżjoni li tittieħed taħt is-subregolament (1) jew dwar ir-revoka sussegwenti tagħha taħt is-subregolament (4).

Valutazzjoni tar-riskju.

5. (1) Kull persuna suġġetta għandha tieħu passi adatti, li jkunu proporzjonati max-xorta u d-daqs tan-negozju tagħha, sabiex tidentifika u tevalwa r-riskji ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu li joħorġu mill-attivatijiet jew negozju tagħha, filwaqt li tieħu kont tal-fatturi ta' riskju inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-klijenti, pajjiżi jew żoni ġeografiċi, prodotti, servizzi, operazzjonijiet u kanali tad-distribuzzjoni u għandha wkoll tqis kull valutazzjoni tar-riskju nazzjonali jew sovranazzjonali li jkollhom x'jaqsmu ma' riskji ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(2) Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jqis illi r-riskju ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu inerenti f'xi attività rilevanti jew kummerċ finanzjarju rilevanti partikolari huwa ċar u manifest, il-korp jista' jeżenta lil dawk il-persuni suġġetti li jkunu qegħdin iwettqu dik l-attività rilevanti jew kummerċ finanzjarju rilevanti mill-obbligu li jwettqu valutazzjoni tar-riskju taħt is-subregolament (1).

(3) Il-valutazzjoni ta' riskju msemmija fis-subregolament (1) għandha tkun iddokumentata b'mod xieraq, u għandha tkun disponibbli, meta tintalab, għall-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u għal kull awtorità sorveljanti rilevanti oħra.

(4) Persuni suġġetti għandhom jiżguraw li l-valutazzjoni tar-riskju mwettqa skont is-subregolament (1) tiġi riveduta u aġġornata b'mod regolari.

(5) Kull persuna suġġetta: –

(a) għandu jkollha fis-seħħ u timplimenta l-miżuri, *policies*, kontrolli u proċeduri li ġejjin, li għandhom jkunu proporzjonati max-xorta u d-daqs tan-negozju tagħha, u li jindirizzaw ir-riskji identifikati hekk kif jirriżultaw mil-valutazzjoni tar-riskju msemmija fis-subregolament (1):

(i) miżuri dwar id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent, proċeduri ta' żamma ta' *records* u proċeduri ta' rappurtar;

(ii) miżuri ta' maniġġar tar-riskju inklużi *policies* dwar l-aċċettazzjoni tal-klijent, kontrolli interni, maniġġar ta' konformità, komunikazzjonijiet, *policies* u proċeduri dwar *screening* tal-impjegati;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) għandha tieħu minn żmien għal żmien miżuri adatti u proporzjonati bil-għan li l-impjegati ikunu konxji–

(i) bil-miżuri, *policies*, kontrolli u proċeduri taħt id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (a) u *policies* rilevanti oħra li jiġu addottati minnha; u

Kap. 373

(ii) bid-dispożizzjonijiet tal-Att kontra *Money Laundering* u ta' dawn ir-regolamenti; tas-Sub-Titolu IV A "Fuq Atti ta' Terroriżmu, Finanzjar ta' Terroriżmu u Reati Anċillari" tat-Titolu IX tat-Taqsima II tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Kriminali; u ta' ħtiġiet dwar il-protezzjoni tad-*data*;

Kap. 9

(ċ) għandha taħtar, meta jkun adatt, skont ix-xorta u d-daqs tan-negozju tagħha, uffiċjal ta' livell maniġerjali illi xogħolu jkun jinkludi il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni kostanti tal-miżuri, policies, kontrolli u proċeduri adottati taħt dan ir-regolament;

(d) għandha timplimenta, meta jkun adatt skont ix-xorta u d-daqs tan-negozju, funzjoni ta' awditjar indipendenti sabiex jiġi eżaminat it-tħaddim tal-miżuri, policies, kontrolli u proċeduri interni;

(e) għandha minn żmien għal żmien tipprovdi lill-impjegati b'taħriġ fl-għarfien u l-immaniġar ta' kull tip ta' operazzjonijiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu ma' rikavat ta' attività kriminali, *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(f) għandha tissorvelja, u jekk ikun hemm bżonn, ittejjeb il-miżuri, *policies*, kontrolli u proċeduri adottati sabiex jinkiseb aħjar l-iskop tagħhom.

(6) Sa' fejn dan ikun applikabbli, il-miżuri, *policies*, kontrolli, proċeduri u l-bidliet kollha li jistgħu jsirulhom għandhom jiġu adottati u implimentati wara li tingħata approvazzjoni mill-maniġment superjuri, u, meta jkun il-każ, il-korp ta' tmexxija tal-persuna suġġetta jista' jidentifika xi wieħed mill-membri tiegħu sabiex ikun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' dawn miżuri, *policies*, kontrolli u proċeduri.

(7) F'dan ir-regolament, il-frażi "impjegati" tfisser dawk l-impjegati li dmirijiethom jinkludu l-maniġġjar ta' kummerċ finanzjarju rilevanti jew ta' attività rilevanti.

(8) Meta persuna naturali tipprovdi xi waħda mill-attivitajiet professjonali mfissra taħt 'attività rilevanti' fir-regolament 2 bħala

VERŻJONI ELETTRONIKA

impjegat ta' persuna ġuridika, l-obbligazzjonijiet taħt dan ir-regolament għandhom ikunu japplikaw għal dik il-persuna ġuridika.

Policies u proċeduri mferrxa mal-grupp kollu.

6. (1) Persuni suġġetti li jifformaw parti minn grupp huma meħtieġa jimplimentaw *policies* u proċeduri li japplikaw għall-grupp kollu, li jinkludu dawk il-miżuri stabbiliti fir-regolament 5(5), kif ukoll *policies* u proċeduri dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-qsim, fi ħdan il-grupp, ta' informazzjoni għal kontra l-*money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu. Dawn il-*policies* u proċeduri għandhom jiġu implimentati b'mod effettiv fil-livell tal-fergħat u ta' sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza fi Stati Membri u f'pajjiżi terzi.

(2) Persuni suġġetti li jkollhom stabbiliti fi stat Membru ieħor fergħat jew sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza, għandhom jiżguraw li dawk il-fergħat jew sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' dak l-Istat Membru, li jittrasponu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva (UE) 2015/849.

(3) Persuni suġġetti li jkollhom stabbiliti fergħat jew sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza f'pajjiżi terzi fejn il-miżuri kontra *money laundering* u kontra l-iffinanzjar ta' terroriżmu huma inqas stretti minn dawk taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiżguraw li dawk il-fergħat jew sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti safejn il-liġijiet ta' dak il-pajjiż terz ikunu jippermettu l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

(4) Meta persuni suġġetti jkollhom stabbiliti f'pajjiżi terzi fergħat jew sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza, u l-liġijiet ta' dawk il-pajjiżi terzi ma jkunux jippermettu l-implimentazzjoni tal-*policies* u proċeduri taħt is-subregolament (1), il-persuni suġġetti għandhom jiżguraw li dawk il-fergħat u sussidjarji li jkunu jappartjenu b'maġġoranza japplikaw miżuri addizzjonali sabiex jimmaniġġaw b'mod effettiv ir-riskju ta' *money laundering* u tal-iffinanzjar ta' terroriżmu u għandhom minnufih jgħarrfu lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja dwar dawn iċ-ċirkostanzi u dwar il-miżuri li jkunu ttieħdu:

Iżda meta l-miżuri addizzjonali ma jkunux adegwati, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu, b'kollaborazzjoni ma' kull awtorità sorveljanti rilevanti, iwettaq azzjonijiet ta' sorveljanza addizzjonali, fosthom billi jitlob lil dawk il-persuni suġġetti biex ma jibdewx, jew inkella sabiex itemmu relazzjonijiet kummerċjali eżistenti, u biex ma jwettqux operazzjonijiet u, fejn ikun hemm bżonn, jitlob lil dawk il-persuni suġġetti jtemmu għal kollox l-operazzjonijiet tagħhom fil-pajjiż terz.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(5) Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jkollu f'idejh l-informazzjoni msemmija fis-subregolament (4) dan għandu, meta jkun il-każ, jgħarraf lill-awtorità sorveljanti rilevanti, lill-awtoritajiet sorveljanti rilevanti tal-Istati Membri l-oħra, u l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej.

(6) Fit-twettiq tal-obbligi tagħhom taħt is-subregolament (4), persuni suġġetti li jeżerċitaw kummerċ finanzjarju rilevanti għandhom josservaw kull *standard* tekniku regolatorju żviluppat mill-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej skont l-artikolu 45(6) tad-Direttiva (UE) 2015/849 li jistgħu jiġu adottati mill-Kummissjoni Ewropea li jiffissaw l-azzjoni minima li għandha tittieħed.

Diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent.

7. (1) Il-miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent għandhom jikkonsistu:

(a) fl-identifikazzjoni tal-klijent, u l-verifika tal-identità tal-klijent abbażi ta' dokumenti, *data* jew informazzjoni miksuba minn sorsi affidabbli u indipendenti:

Iżda meta l-klijent ikun korp magħqud, korp ta' persuni, jew xi forma oħra ta' entità jew arranġament ġuridiku, il-persuni suġġetti għandhom ukoll jivverifikaw l-istat legali tal-klijent u għandhom ukoll jidentifikaw lid-diretturi kollha u, meta l-klijent ma jkollux diretturi, lil dawk il-persuni l-oħra kollha li fihom tkun vestita l-amministrazzjoni u r-rappreżentanza tal-klijent;

(b) fl-identifikazzjoni, meta jkun applikabbli, tas-sidien benefiċjarji, u t-teħid ta' miżuri raġonevoli sabiex tiġi verifikata l-identità tagħhom sabiex il-persuna suġġetta tkun sodisfatta li tkun taf min huma s-sidien benefiċjarji, inkluż, fil-każ ta' korp magħqud, fondazzjonijiet, *trusts* u arranġamenti ġuridiċi simili, it-teħid ta' miżuri raġonevoli sabiex tinftiehem l-istruttura ta' pussess u kontroll tal-klijent;

(ċ) fil-valutazzjoni u, kif ikun adatt, il-ksib ta' informazzjoni dwar l-għan u x-xorta intiża tar-relazzjoni kummerċjali, u f'illi jiġi stabbilit il-profil kummerċjali u tar-riskju tal-klijent;

(d) f'illi jsir monitoraġġ kontinwu tar-relazzjoni kummerċjali.

(2) Il-monitoraġġ kontinwu ta' relazzjoni kummerċjali għall-finijiet tas-subregolament (1) għandu jikkonsisti:

(a) fl-iskrutinju ta' operazzjonijiet li jsiru fil-kors tar-

VERŻJONI ELETTRONIKA

relazzjoni biex jiġi żgurat li l-operazzjonijiet li jkunu qegħdin isiru jkunu konsistenti mal-għarfien li l-persuna suġġetta għandha tal-klijent u tal-profil kummerċjali u tar-riskju tiegħu, inkluż, meta jkun meħtieġ, is-sors tal-fondi; u

(b) f'illi jiġi żgurat li d-dokumenti, *data* jew informazzjoni li l-persuna suġġetta jkollha jinżammu aġġornati.

(3) Meta persuna tagħti x'tifhem li tkun qegħda taġixxi għan-nom ta' xi klijent, persuni suġġetti għandhom mhux biss jidentifikaw u jivverifikaw l-identità tal-klijent u, meta jkun il-każ, tas-sid benefiċjarju, iżda għandhom ukoll jiżguraw li din il-persuna tkun awtorizzata kif dovut u bil-miktub sabiex taġixxi għan-nom tal-klijent u għandhom ukoll jidentifikaw u jivverifikaw l-identità ta' dik il-persuna.

(4) Persuni suġġetti m'għandhomx iżommu kontijiet anonimi jew kontijiet li jkollhom ismijiet fittizzji.

(5) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 8, il-miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent għandhom jiġu applikati għall-klijenti kollha kull meta:

(a) tiġi stabbilita xi relazzjoni kummerċjali;

(b) titwettaq xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien; u

(ċ) l-persuna suġġetta jkollha għarfien jew suspett ta' rikavat minn attività kriminali, *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, irrispettivament minn kwalunkwe deroga, eżenzjoni jew limitu.

(6) Il-miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent taħt dan ir-regolament għandhom ukoll jiġu applikati, meta jkun adattat, għal klijenti eżistenti fuq bażi ta' sensittività għar-riskju, inkluż meta l-persuna suġġetta ssir taf li ċ-ċirkostanzi rilevanti ta' relazzjoni kummerċjali jkunu nbidlu.

(7) Il-miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu mtennija kull darba li, fir-rigward ta' relazzjoni kummerċjali, ikun hemm dubji dwar il-veraċità jew l-adegwatezza tal-informazzjoni dwar l-identità tal-klijent li tkun inkisbet qabel.

(8) Il-firxa tal-miżuri ta' diliġenza li tirrigwarda l-klijent għandha tkun proporzjonata għar-riskji ta' *money laundering* u iffinanzjar ta' terroriżmu identifikat permezz tal-valutazzjoni tar-riskju

VERŻJONI ELETTRONIKA

mwettqa skont ir-regolament 5(1) u tista' tvarja minn każ għall-ieħor.

(9) Il-persuni suġġetti li jwettqu kummerċ tal-assigurazzjoni fit-tul għandhom, barra milli jidentifikaw u jivverifikaw l-identità tal-klijent u, meta jkun il-każ, tas-sid benefiċjarju hekk kif mitlub mis-subregolament (1)(a) u (b), iwettqu wkoll il-miżuri ta' diliġenza li tirrigwarda l-klijent li ġejjin fuq il-benefiċjarji ta' poloz ta' assigurazzjoni fit-tul:

(a) meta l-benefiċjarji jkunu persuni fiżiċi, jew entitajiet jew arranġamenti ġuridiċi, li jissemmew speċifikament, il-persuni suġġetti għandhom jidentifikaw lil dawk il-benefiċjarji;

(b) meta l-benefiċjarji jkunu indikati permezz ta' karatteristiċi, klassi jew mezzi oħra, il-persuni suġġetti għandhom jiksbu biżżejjed informazzjoni dwar dawk il-benefiċjarji sabiex ikunu jistgħu jidentifikawhom fil-waqt tar-ripagament;

(ċ) meta l-benefiċjarji jassenjaw xi drittijiet tagħhom vestiti fil-polza, il-persuni suġġetti għandhom, meta jsiru jafu bl-assenjament, jidentifikaw lill-persuni fiżiċi, jew l-entitajiet jew l-arranġamenti ġuridiċi li jkunu qegħdin jirċievu għall-benefiċċju tagħhom il-valur tal-polza assenjata;

(d) jivverifikaw l-identità tal-benefiċjarji fil-waqt tar-ripagament.

(10) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', bi ftehim mal-awtorità sorveljanti rilevanti, abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju adattata li turi riskju baxx ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu, jeżenta lil persuni suġġetti milli jwettqu l-miżuri ta' diliġenza li tirrigwarda l-klijent taħt is-subregolamenti (1)(a) sa (ċ) fir-rigward ta' flus elettroniċi hekk kif imfissra taħt l-Att dwar Servizzi Finanzjarji meta jintlaħqu l-kriterji kollha li ġejjin:

Kap. 376.

(a) l-istrument ta' pagament mhuwiex rikarikabbli, jew għandu limitu fuq l-operazzjonijiet ta' pagamenti li jistgħu jsiru kull xahar ta' mhux iżjed minn mitejn u ħamsin euro (€250) li jistgħu jintużaw biss f'Malta;

(b) l-ogħla ammont maħżun elettronikament ma jkunx jeċċedi il-mitejn u ħamsin euro (€250), jew il-ħames mitt euro (€500) meta l-istrument ta' pagament ikun jista' jintuża biss f'Malta;

(ċ) l-istrument ta' pagament jintuża esklussivament għax-xiri ta' oġġetti jew servizzi;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) l-istrument ta' pagament ma jistax jiġi ffinanzjat bi flus elettroniċi anonimi; u

(e) l-emittenti jwettaq monitoraġġ biżżejjed tal-operazzjonijiet u tar-relazzjoni kummerċjali sabiex ikunu jistgħu jiġu identifikati operazzjonijiet mhux tas-soltu jew suspettużi:

Iżda din l-eżenzjoni m'għandhiex tiġi applikata fil-każ ta' tifdija fi flus kontanti jew żbanki fi flus kontanti tal-valur monetarju maħżun fl-istrument ta' pagament meta l-ammont mifdi jew żbankat ikun jeċċedi l-mitt euro (€100).

(11) Klijent, jew persuna li tagħti x'tifhem li tkun qegħda taġixxi f'isem klijent, li tagħmel dikjarazzjoni falza jew ilment falz jew li tippreżenta dokumenti foloz għall-finijiet ta' dan ir-regolament tkun ħatja ta' reat u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn ħamsin elf euro (€50,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(12) Persuni suġġetti li jkunu qegħdin iwettqu kummerċ finanzjarju rilevanti li jinvolvi t-trasferiment ta' fondi għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2015/847 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar l-informazzjoni li takkumpanja t-trasferimenti ta' fondi u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1781/2006.

Verifika tal-identifikazzjoni.

8. (1) Persuni suġġetti għandhom jivverifikaw l-identità tal-klijent u, meta jkun il-każ, l-identità tas-sid benefiċjarju, qabel ma tiġi stabbilita relazzjoni kummerċjali jew titwettaq xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien.

(2) Minkejja dak maħsub fis-subregolament (1), persuni suġġetti jistgħu jlestu l-verifika wara li tiġi stabbilita relazzjoni kummerċjali meta dan jkun meħtieġ sabiex ma tiġix interrotta l-ġestjoni normali ta' xi kummerċ sakemm ir-riskju ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu jkun wieħed baxx u, sakemm ukoll, il-proċeduri ta' verifika jiġu terminati malli jkun raġonevolment prattikabbli wara li tiġi stabbilita r-relazzjoni kummerċjali.

(3) Minkejja dak maħsub fis-subregolamenti (1) u (2), persuni suġġetti li jkunu qegħdin iwettqu kummerċ finanzjarju rilevanti jistgħu jiftħu kont, inklużi kontijiet li jkunu jippermettu operazzjonijiet b'titoli trasferibbli, hekk kif jista' jkun meħtieġ mill-klijent sakemm jiġu adottati salvagwardji adegwati sabiex jiżguraw li ebda operazzjoni li tinvolvi dak il-kont ma titwettaq sakemm ikunu sodisfaċentement saru l-proċeduri ta' verifika kif hemm fis-subregolament (1).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Meta l-benefiċjarji ta' *trust*, entità jew arranġament ġuridiċi jkunu indikati b'xi karatteristiċi jew klassi partikolari, il-persuna suġġetta għandha tidentifika u tivverifika l-identità tal-benefiċjarji fil-waqt li jsir ir-ripagament jew meta l-benefiċjarji jeżerċitaw id-drittijiet vestiti tagħhom:

Iżda, qabel ma tiġi stabbilita xi relazzjoni kummerċjali jew titwettaq xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien, il-persuna suġġetta għandha tikseb biżżejjed informazzjoni dwar il-benefiċjarji sabiex tkun tista' tidentifika u tivverifika l-identità tagħhom meta jsir ir-ripagament jew meta l-benefiċjarji jkunu jridu jeżerċitaw id-drittijiet vestiti tagħhom.

(5) Meta persuna suġġetta ma tkunx tista' tikkonforma ruħha mar-regolament 7(1)(a), (b) u (ċ), l-proċeduri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent għandhom jenħtieġu lil persuna suġġetta biex ma twettaq ebda operazzjoni li tinvolvi dak il-kont, biex la tiġi stabbilita r-relazzjoni kummerċjali u lanqas titwettaq xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien, u biex tintemm kull relazzjoni kummerċjali u tqis li tiżvela dik l-informazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif hemm fir-regolament 15(3):

Iżda, meta jkun impossibbli li twaqqaf b'dak il-mod jew x'aktarx li dan ifixkel sforzi biex isiru investigazzjonijiet dwar xi operazzjoni ta' *money laundering* jew finanzjar ta' terroriżmu suspettati dak il-kummerċ għandu jitkompla bil-kundizzjoni li jkun hemm żvelar b'mod immedjat lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif hemm fir-regolament 15(3):

Iżda wkoll persuni suġġetti li jkunu qegħdin iwettqu attività rilevanti taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "attività rilevanti" m'għandhomx ikunu marbutin bid-dispożizzjonijiet ta' dan is-subregolament jekk dawn il-persuni suġġetti jkunu qegħdin jaġixxu filwaqt li jkunu qegħdin jaċċertaw il-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom jew filwaqt li jkunu qegħdin iwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom li jiddefendu jew jidhru għal dak il-klijent fi, jew dwar, proċeduri ġudizzjarji, inkluż li jagħtu pariri dwar it-teħid jew l-evitar ta' proċeduri.

(6) Mingħajr preġudizzju għas-subregolament (5), persuna suġġetta li jkollha fil-pussess tagħha fondi ta' klijent jew ta' xi klijent potenzjali u li bis-saħħa tas-subregolament (5) tiddeċiedi li tittermina jew ma tistabbilixxix relazzjoni kummerċjali, jew li ma twettaqx xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien u li trodd lura, tirrilaxxa jew tittrasferixxi dawk il-fondi, għandha daqstant daqs kemm ikun raġonevolment possibbli trodd lura dawk il-fondi lill-istess sors minn fejn kienu oriġinaw u permezz tal-istess mezzi finanzjarji li minnhom

VERŻJONI ELETTRONIKA

il-persuna suġġetta tkun ġiet fil-pussess tal-fondi, kemm-il darba ma tkunx inħarġet xi ordni jew ikun inħareġ xi avviż skont l-Att jew dawn ir-regolamenti li tipprojbixxi ir-rilaxx ta' dawk il-fondi.

Dispożizzjonijiet addizzjonali rigward id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent għad-detenturi ta' liċenza ta' każinò u liċenza dwar il-logħob.

9. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet tar-regolament 8(1) u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 7(5)(ċ), detenturi ta' liċenza ta' każino u ta' liċenza dwar il-logħob għandhom japplikaw miżuri ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent meta jkunu qegħdin iwettqu operazzjonijiet li jammontaw għal jew jeċċedu l-elfejn euro (€2,000) jew iżjed, sew jekk dawn jitwettqu fil-kuntest ta' relazzjoni kummerċjali sew jekk xort'oħra.

(2) Barra milli jikkonforma ruħu mad-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1) u tar-regolament 8, detentur tal-liċenza ta' każinò għandu:

(a) ma jippermettix lil xi persuna tidħol fil-każinò kemm-il darba dik il-persuna ma tkunx ġiet sodisfaċentement identifikata kif hemm fid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Logħob; Kap. 400.

(b) jiżgura li d-dettalji li jirrigwardaw l-identità ta' persuna li tkun qegħda ssarraf ċippi jew *tokens* li jkollhom valur ta' elfejn euro (€2,000) jew iżjed ikun megħmuż, u kontrosenjat, mad-dettalji li jirrigwardjaw l-identità tal-persuna li tkun qegħda ssarraf flus kontanti, ċekkijiet jew trasferimenti bankarji, jew tagħmel xi ħlas permezz ta' karta ta' kreditu jew ta' debitu b'tisrif għal dawk iċ-ċippi jew *tokens*, u għandu iktar minn hekk jiżgura li ċ-ċippi jew *tokens* jinkisbu minn rebħ li jsir waqt li tkun qegħda tintlagħab xi logħba jew logħbiet fil-każinò; u

(ċ) jiżgura li d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (b) jiġu applikati wkoll f'każijiet meta f'xi sessjoni waħda tal-logħob persuna twettaq operazzjonijiet li jkunu individwalment iġibu ammont ta' inqas minn elfejn euro (€2,000) iżda li b'kollox ikunu ugwali għal jew jeċċedu dak l-ammont.

Diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent simplifikata.

10. (1) Id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent simplifikata tista' tiġi applikata:

(a) fir-rigward ta' attivitajiet jew servizzi li l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jkun iddetermina li jirrappreżentaw riskju baxx ta' *money laundering* u tal-iffinanzjar ta' terroriżmu, wara li jitqiesu r-riżultanzi ta' kull valutazzjoni ta' riskju nazzjonali u fatturi oħra rilevanti hekk kif dawn jistgħu jitqiesu li jkunu adatti; jew

(b) meta, abbażi tal-valutazzjoni ta' riskju li titwettaq

VERŻJONI ELETTRONIKA

skont ir-regolament 5(1), il-persuna suġġetta tiddetermina li xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien jew relazzjoni kummerċjali ikollha riskju baxx ta' *money laundering* u ffinanzjar ta' terroriżmu.

(2) Id-diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent simplifikata m'għandhiex tikkostitwixxi eżenzjoni mill-miżuri kollha ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent kif provdut fir-regolament 7(1), imma persuni suġġetti jistgħu jistabbilixxu l-applikabilità u l-firxa tagħhom b'mod li jkun proporzjonat mar-riskju baxx identifikat:

Iżda persuni suġġetti għandhom jagħmlu monitoraġġ kontinwu skont regolament 7(2)(a) biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jindividwaw operazzjonijiet mhux tas-soltu u suspettużi.

(3) Ebda ħaġa li tinsab f'dan ir-regolament m'għandha tkun tapplika meta l-persuna suġġetta jkollha għarfien jew suspett ta' rikavat ta' attività kriminali, *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

Diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent msaħħa.

11. (1) Barra mill-ħtiġiet taħt ir-regolament 7, persuni suġġetti għandhom japplikaw miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent f'dawn is-sitwazzjonijiet li ġejjin:

(a) fir-rigward ta' dawk l-attivitajiet jew servizzi li l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jkun iddetermina li jippreżentaw riskju għoli ta' *money laundering* jew iffinanzjar ta' terroriżmu, wara li jitqiesu r-riżultanzi ta' kull valutazzjoni nazzjonali tar-riskju u fatturi oħra rilevanti hekk kif dawn jistgħu jitqiesu li jkunu adatti;

(b) meta, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju li titwettaq skont ir-regolament 5(1), il-persuna suġġetta tiddetermina li xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien, jew xi relazzjoni kummerċjali jew xi operazzjoni oħra jkollha riskju għoli ta' *money laundering* jew iffinanzjar ta' terroriżmu;

(ċ) meta jkunu qegħdin jiġġestixxu ma' persuni fiżiċi jew ġuridiċi stabbiliti f'ġurisdizzjoni mhux ta' fama kif imfisser fir-regolament 2, liema persuni ma jkunux fergħat jew sussidjarji li jappartjenu b'maġġoranza u li jkunu konformi ma' *policies* u proċeduri għall-grupp kollu kif meħtieġa fir-regolament 6 f'liema każijiet għandhom jiġu applikati miżuri estiżi ta' diliġenza dovuta meta jkun hemm riskju għoli ta' *money laundering* jew iffinanzjar ta' terroriżmu; u

(d) fil-każijiet imsemmija fis-subregolamenti (3) sa (9).

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Persuni suġġetti għandhom jiżguraw li l-miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta li tirrigwarda l-klijent li jiġu applikati fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) tas-subregolament (1) ikunu adatti għall-immaniġġar u l-mitigazzjoni tar-riskju għoli ta' *money laundering* jew iffinanzjar ta' terroriżmu.

Iżda meta persuni suġġetti jiġġestixxu operazzjonijiet li jsiru minn żmien għal żmien, jew ikunu qiegħdin jistabbilixxu relazzjoni kummerċjali, jew ikunu qiegħdin jaġixxu matul relazzjoni kummerċjali ma' persuna fiżika jew ġuridika stabbilita f'ġurisdizzjoni kif hemm imsemmija fis-subregolament (1)(ċ), li dwarha kien hemm sejħa internazzjonali għal kontro-miżuri, il-persuni suġġetti għandhom jgħarrfu lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja li jista', b'kollaborazzjoni mal-awtorità sorveljanti rilevanti, jitlob li xi relazzjoni kummerċjali ma tkomplix jew li xi operazzjoni ma ssirx, jew japplika kull kontro-miżura oħra li titqies adatta fiċ-ċirkostanzi rispettivi.

(3) Dwar relazzjonijiet ta' korrispondenza ma' istituzzjonijiet minn xi pajjiż li ma jkunx Stat Membru, persuni suġġetti għandhom jiżguraw li –

(a) jiġbru biżżejjed informazzjoni dwar l-istituzzjoni rispondenti biex ikunu jistgħu jifhmu sew in-natura tal-kummerċ tar-rispondenti u jistabbilixxu minn informazzjoni li tkun pubblikament disponibbli il-fama tal-istituzzjoni u l-kwalità ta' sorveljanza fuq dik l-istituzzjoni;

(b) jevalwaw l-adegwatezza u effettività tal-miżuri, *policies*, kontrolli u proċeduri kontra l-*money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu tal-istituzzjoni rispondenti;

(ċ) tinkiseb l-approvazzjoni li tingħata minn qabel mill-maniġment superjuri għat-twaqqif ta' relazzjonijiet ta' korrispondenza ġodda;

(d) jiddokumentaw ir-responsabbiltajiet rispettivi ta' kull istituzzjoni kontra l-*money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(e) dwar kontijiet *payable-through*, ikunu sodisfatti li l-istituzzjoni rispondenti tkun ivverifikat l-identità ta', u tkun wettqet diliġenza dovuta kontinwa fuq, il-klijenti li jkollhom aċċess dirett għall-kontijiet tal-istituzzjoni rispondenti u li dawn jiġu provduti b'*informazzjoni* rilevanti dwar id-diliġenza dovuta rigward il-klijent meta dawn jintalbu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(4) Persuni suġġetti li jkunu qegħdin iwettqu kummerċ finanzjarju rilevanti –

(a) m'għandhomx jidħlu fi, jew ikomplu għaddejin b'relazzjoni korrispondenti ma' *shell institution*;

(b) għandhom jieħdu miżuri adatti biex jiżguraw li ma jidħlux fi, jew ma jkomplux, relazzjoni korrispondenti ma' istituzzjoni rispondenti li tkun magħrufa li tippermetti li l-kontijiet tagħha jintużaw minn *shell institution*.

(5) Persuni suġġetti għandhom jiżguraw li l-proċeduri ta' maniġġar tar-riskju adottati skont ir-regolament 5(5)(a) iwasslu biex ikun jista jiġi stabbilit jekk klijent jew sid benefiċjarju huwiex persuna politikament esposta, u meta tkun qegħda ssir xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien, jew tistabbilixxi jew tkompli relazzjonijiet kummerċjali ma' persuni politikament esposti, dawn għandhom:-

(a) jeħtieġu l-approvazzjoni ta' maniġment superjuri;

(b) jieħdu miżuri adegwati biex jistabbilixxu s-sors tal-beni u s-sors tal-fondi; u

(ċ) iwettqu sorveljanza kontinwa msaħħa ta' dawk ir-relazzjonijiet kummerċjali.

(6) Minbarra l-ħtiġiet taħt is-subregolament (5), fil-każ ta' kummerċ tal-assigurazzjoni fit-tul il-persuni suġġetti għandhom jieħdu miżuri raġonevoli biex jistabbilixxu jekk il-benefiċjarji ta' *policy* u, meta jkun il-każ, is-sid benefiċjarju tal-benefiċjarju ikunux persuni politikament esposti, u dawk il-miżuri għandhom jittieħdu mhux aktar tard mill-mument meta jsir ir-ripagament jew iċ-ċessjoni tal-polza b'mod sħiħ jew parzjali:

Iżda meta l-benefiċjarji tal-polza jew, meta jkun il-każ, is-sid benefiċjarju tal-benefiċjarju jkunu persuni politikament esposti, il-persuni suġġetti għandhom jgħarrfu lill-maniġment superjuri qabel ma jgħaddu għar-ripagament taħt il-polza u għandhom jagħmlu skrutinju msaħħaħ tar-relazzjoni kummerċjali sħiħa mad-detentur tal-polza.

(7) Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni, fuq bażi ta' sensittività għar-riskju, ta' miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta rigward il-klijent, meta persuna politikament esposta ma tkunx għadha inkarigata b'xi funzjoni pubblika prominenti, il-persuni suġġetti għandhom jenħtieġu japplikaw miżuri msaħħa ta' diliġenza dovuta skont ir-subregolamenti (5) u (6) għal mill-inqas tnax-il xahar wara li dik il-persuna ma tkunx baqgħet fdata b'funzjoni pubblika prominenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(8) Is-subregolamenti (5) u (6) għandhom ikun wkoll japplikaw għal membri tal-familja jew persuni magħrufa bħala assoċjati mill-qrib ma' persuni politikament esposti, u, għall-finijiet ta' dan is-subregolament:

(a) "membri tal-familja" tinkludi:

(i) il-konjuġi, jew persuna meqjusa bħala ekwivalenti għal konjuġi;

(ii) it-tfal u l-konjuġi tagħhom, jew persuni meqjusa bħala ekwivalenti għal konjuġi; u

(iii) il-ġenituri.

(b) "persuni magħrufa bħla assoċjati mill-qrib" tfisser:

(i) persuni fiżiċi magħrufa li għandhom sjieda benefiċjarja konġunta ta' korp magħqud jew ta' xi forma oħra ta' arranġament legali, jew xi relazzjonijiet kummerċjali oħra mill-qrib, ma' dik il-persuna politikament esposta;

(ii) persuni fiżiċi li jkollhhom sjieda benefiċjarja unika ta' korp magħqud jew ta' xi forma oħra ta' arranġament legali li huwa magħruf li ġie stabbilit għall-benefiċċju ta' dik il-persuna politikament esposta.

(9) Persuni suġġetti għandhom, safejn ikun raġonevolment possibbli, jeżaminaw l-għan u l-isfond ta' kull operazzjoni komplessa u li tkun kbira b'mod mhux tas-soltu u kull xejra ta' operazzjonijiet mhux tas-soltu, u li ma jkun jidher li għanda l-ebda għan ekonomiku jew leġittimu apparenti u għandhom, f'dawk il-każijiet, iżidu l-grad u xorta ta' monitoraġġ tar-relazzjoni kummerċjali, sabiex jiddeċiedu jekk dawk l-operazzjonijiet jew attivitajiet humiex suspettużi skont ir-regolament 15(3).

Dipendenza fuq l-eżekuzzjoni ta' persuni suġġetti oħra u terzi.

12. (1) Persuni suġġetti jistgħu jiddependu fuq persuna suġġetta oħra jew terza persuna biex iwettqu dawk il-ħtiġiet ta' diliġenza dovuta rigward il-klijent msemmija fir-regolament 7(1)(a) sa (ċ), u l-persuna suġġetta li tkun qegħda tiddependi tibqa' finalment responsabbli għal konformità ma' dawk il-ħtiġiet.

(2) Għall-finijiet ta' dan ir-regolament "terza persuna" tfisser kull persuna jew istituzzjoni, inklużi organizzazzjonijiet membri jew korpi rappreżentattivi ta' dik il-persuna jew istituzzjoni, li tkun tinsab fi Stat Membru li ma jkunx Malta jew f'pajjiż terz li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) japplika ħtiġiet ta' diliġenza dovuta rigward il-klijent u ħtiġiet ta' żamma ta' *records* li jkunu konsistenti ma' dawk stipulati taħt dawn ir-regolamenti; u

(b) ikollhom il-konformità tagħhom ma' miżuri kontra l-*money laundering* u l-iffinanzjar tat-terroriżmu sorveljati b'mod li jkun konsistenti mas-Sezzjoni 2 ta' Kapitolu VI tad-Direttiva (UE) 2015/849:

Iżda persuni suġġetti ma jistgħux jiddependu minn terzi li qiegħdin f'ġurisdizzjoni mhux ta' fama, ħlief fejn dawk it-terzi jkunu fergħat jew sussidjarji li jappartjenu b'maġġoranza ta' persuni jew istituzzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru u soġġetti għad-dispożizzjonijiet nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva (UE) 2015/849 u li jikkonformaw għal kollox ma' *policies* u proċeduri għall-grupp kollu ekwivalenti għal dawk imsemmija fir-regolament 6.

(3) Persuni suġġetti li jiddependu minn persuna suġġetta oħra jew minn terza persuna għandhom jiksbu mingħand dik il-persuna suġġetta l-oħra jew terza persuna l-informazzjoni meħtieġa skont id-dispożizzjonijiet taħt ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ).

(4) Persuni suġġetti li jiddependu minn xi persuna suġġetta oħra jew minn terza persuna għandhom jieħdu passi adegwati biex jiżguraw li, fuq talba, l-persuna suġġetta l-oħra jew t-terza persuna għandha minnufih tgħaddilhom kopji rilevanti tal-informazzjoni dwar l-identifikazzjoni u l-verifikazzjoni tal-klijent u tas-sid benefiċjarju u kwalunkwe dokumentazzjoni oħra rilevanti u meħtieġa skont ir-regolament 7(1)(a) sa (ċ).

(5) Persuni suġġetti li jkunu fergħat jew sussidjarji li jappartjenu b'maġġoranza ta' persuni jew istituzzjonijiet stabbiliti fi Stat Membru jew f'pajjiż terz li ma jkunx Malta, u persuni suġġetti li jkollhom fergħat jew sussidjarji li jappartjenu b'maġġoranza fi Stat Membru jew pajjiż terz għandhom jitqiesu li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (2) sa (4) permezz tal-*policies* u proċeduri tal-grupp, meta jintlaħqu dawn il-kondizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) il-persuna suġġetta tiddependi minn informazzjoni provduta minn terza persuna li tkun tifforma parti mill-istess grupp;

(b) dak il-grupp japplika miżuri ta' diliġenza dovuta rigward il-klijent, miżuri ta' żamma ta' *records* u *policies* u proċeduri kontra l-*money laundering* u l-iffinanzjar ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

terroriżmu ekwivalenti għal dawk taħt dawn ir-regolamenti;

(ċ) l-implimentazzjoni effettiva tal-miżuri u l-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafu (b) fil-livell ta' grupp hija soġġetta għal sorveljanza minn awtorità rilevanti.

(6) Dan ir-regolament m'għandux japplika għal relazzjonijiet ta' esternalizzazzjoni jew ta' aġenzija fejn, abbażi ta' ftehim kuntrattwali, il-provditur ta' servizz ta' esternalizzazzjoni jew l-aġent għandhom jitqiesu li jifformaw parti mill-persuna suġġetta.

Proċeduri ta' żamma ta' *records*.

13. (1) Persuni suġġetti għandhom iżommu d-dokumenti u l-informazzjoni li ġejjin għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni, l-analiżi u l-investigazzjoni ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' attivitajiet ta' terroriżmu mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, awtoritajiet sorveljanti rilevanti, jew aġenziji għall-infurzaw tal-liġi skont id-dispożizzjonijiet tal-liġi li tkun tapplika:

(a) fir-rigward ta' xi relazzjoni kummerċjali li tiġi ffurmata jew ta' xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien, id-dokumentazzjoni, *data* u informazzjoni dwar id-diliġenza dovuta li tirrigwarda lill-klijent li tingħabar fit-twettiq tal-ħtiġiet taħt ir-regolamenti 7 sa 12;

(b) il-provi u r-*records* meħtieġa sabiex jiġu rikostruwiti l-operazzjonijiet kollha li jkunu saru minn dik il-persuna tul xi relazzjoni kummerċjali jew xi operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien, li għandha tinkludi d-dokumenti oriġinali jew kopji oħra ammissibli waqt smigħ fil-qorti;

(ċ) *record* ta' kull żvelar magħmul lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skont ir-regolament 15(3);

(d) *record* ta' kull rapport intern magħmul skont ir-regolament 15(1)(a);

(e) *record* ta' deċiżjonijiet bil-miktub meħuda skont ir-regolament 15(1)(b);

(f) *record* ta' kull taħriġ provdut skont ir-regolament 5(5)(e); u

(g) kull dokument, *data* jew informazzjoni oħra li l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jkun jeħtieġ li jinżamm skont proċeduri u linji gwida maħruġa kif muri fir-regolament 17.

(2) Id-dokumentazzjoni, *data* jew informazzjoni msemmija fis-

VERŻJONI ELETTRONIKA

subregolament (1) għandhom jinżammu għal perjodu ta' ħames snin li jibda għaddej –

(a) fir-rigward tad-dokumentazzjoni, *data* jew informazzjoni li hemm deskritti fil-paragrafu (a), mid-data li fiha jew tintemm ir-relazzjoni kummerċjali jew titwettaq l-operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien, u meta l-formalitajiet meħtieġa biex tintemm relazzjoni kummerċjali ma jkunux jistgħu jiġu osservati, mid-data li fiha tkun saret l-aħħar operazzjoni ta' dik ir-relazzjoni kummerċjali;

(b) fir-rigward tal-provi u r-*records* deskritti fil-paragrafu (b), mid-data li fiha jintemmu n-negozjati kollha li jkunu qegħdin isiru filwaqt li tkun qegħda titwettaq dik l-operazzjoni;

(ċ) fir-rigward tar-*records* deskritti fil-paragrafi (ċ) sa (e), id-data li tiġi l-iżjed tard minn fost dawn li ġejjin:

(i) id-data meta tintemm ir-relazzjoni kummerċjali jew titwettaq l-operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien; jew

(ii) id-data meta r-rapport jew d-deċiżjoni tiġi ppreżentata jew abbozzata, hekk kif jista' jkun il-każ;

(d) fir-rigward tar-*records* deskritti fil-paragrafu (f), id-data li fiha jseħħ l-avveniment imsemmi fihom:

Iżda, fir-rigward ta' *records* li jkollhom x'jaqsmu ma' operazzjoni li ssir minn żmien għal żmien u li tkun tikkonsisti f'diversi operazzjonijiet li jidhru li jkunu konnessi, il-perjodu hawn qabel imsemmi ta' ħames snin għandu jibda għaddej mid-data li fiha tkun saret l-aħħar operazzjoni:

Iżda wkoll, il-perjodu ta' ħames snin jista' jittawwal iktar minn hekk, sa perjodu massimu ta' tiżmim ta' għaxar snin, meta dik l-estenzjoni titqies li tkun meħtieġa għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni, l-analiżi u l-investigazzjoni ta' attivitajiet ta' *money laundering* jew ta' ffinanzjar ta' terroriżmu mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, minn awtoritajiet sorveljanti rilevanti jew minn aġenziji ta' infurzar tal-liġi.

(3) Persuni suġġetti għandhom jiżguraw li, meta ssirilhom talba, ir-*records* kollha miżmuma skont dan ir-regolament ikunu disponibbli għall-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u, skont ma' jista' jiġi permess bil-liġi, lil awtoritajiet sorveljanti

VERŻJONI ELETTRONIKA

rilevanti u lil aġenziji għall-infurzar tal-liġi, għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-individwazzjoni, l-analiżi u tal-investigazzjoni ta' *money laundering* u l-iffinanzjar ta' terroriżmu.

(4) Persuni suġġetti għandhom ikollhom stabbiliti sistemi li bihom ikun jistgħu jirrispondu b'mod komplut u effiċjenti, permezz ta' mezzi siguri li jiżguraw il-konfidenzjalità, għall-istħarriġ li jsir mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, minn awtoritajiet sorveljanti rilevanti jew minn aġenziji għall-infurzar tal-liġi, skont il-liġi li tkun tapplika, dwar –

(a) jekk iżommux jew żammewx matul il-ħames snin ta' qabel xi relazzjoni kummerċjali ma' xi persuna fiżika jew ġuridika speċifikata; u

(b) ix-xorta ta' dik ir-relazzjoni.

(5) Iż-żamma ta' *data* personali m'għandiex tibqa' titqies bħala meħtieġa għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti darba li jgħaddi l-perjodu stabbilit fis-subregolament (2) jew xi estensjoni tiegħu hekk kif tista' ssir applikabbli skont it-tieni proviso għas-subregolament (2).

(6) Għall-fini ta' dan ir-regolament il-frażi "data personali" għandha jkollha l-istess tifsira bħal dik mogħtija lill-frażi taħt l-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-*Data*. Kap. 440.

(7) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' xi awtorità oħra li tingħata aċċess għad-dokumenti, *data* u informazzjoni deskritti fis-subregolament 1(a) u (b) skont il-ligi li tkun applikabbli.

Data dwar l-istatistika.

14. (1) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, awtoritajiet kompetenti, aġenziji għall-infurzar tal-liġi u kull dipartiment, aġenzija, awtorità jew korp ieħor rilevanti, għandhom iżommu *data* dwar l-istatistika komprensiva fuq is-sistema nazzjonali biex jiġi miġġieled il-*money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu sabiex tassisti fir-reviżjoni ta' dik is-sistema u t-twettiq ta' valutazzjonijiet nazzjonali tar-riskji.

(2) Id-*data* dwar l-istatistika komprensiva li għandha tinżamm taħt is-subregolament (1) għandha tinkludi:

(a) n-numru ta' entitajiet u persuni li jwettqu attività rilevanti jew kummerċ finanzjarju rilevanti;

(b) x-xorta ta' attività mwettqa mill-entitajiet u l-persuni msemmija fil-paragrafu (a) hawn qabel;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ċ) indikaturi ekonomiċi għal kull attività rilevanti u kummerċ finanzjarju rilevanti;

(d) n-numru ta' rapporti dwar operazzjonijiet suspettużi magħmula lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u l-prosegwiment mogħti lil dawn ir-rapporti inkluż, meta din tkun teżisti, *data* li tidentifika n-numru u l-perċentwali ta' rapporti li jkunu rriżultaw f'investigazzjonijiet ulterjuri;

(e) n-numru ta' persuni u każijiet investigati;

(f) n-numru ta' persuni akkużati u każijiet mressqa l-qorti;

(g) n-numru ta' persuni kkundannati għal reati ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(h) x-xorta ta' reati presupposti, meta dik l-informazzjoni tkun magħrufa;

(i) il-partikolaritajiet u l-valur ta' proprjetà li tkun ġiet sekwestrata, iffriżata, elevata jew konfiskata;

(j) kull statistika rilevanti dwar l-iskambju ta' informazzjoni bejn il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u kontropartijiet barranin, inkluż *data* fuq talbiet għal informazzjoni magħmulin, riċevuti, miċħuda u mwieġba kemm kompletament kif ukoll parzjalment.

(3) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu jippublika rivisti konsolidati tad-*data* dwar l-istatistika li tingħabar kif hemm f'dan ir-regolament u għandu jiżgura li din id-*data* dwar l-istatistika tkun ukoll disponibbli għall-Kummissjoni Ewropea.

(4) Id-dipartimenti, aġenziji, awtoritajiet u korpi msemmija fis-subregolament (1) għandhom jagħmlu disponibbli, meta dawn jigu mitluba, id-*data* dwar l-istatistika rilevanti lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja sabiex dan ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu taħt is-subregolament (3).

Proċeduri u obbligi ta' rappurtar.

15. (1) Il-proċeduri ta' rappurtaġġ li persuna suġġetta hija meħtieġa li jkollha u li timplimenta skont ir-regolament 5(5)(a)(i) għandhom jipprovdu dwar –

(a) il-ħatra mill-persuna suġġetta ta' wieħed mill-uffiċjali tagħha bħala uffiċjal inkarigat mir-rappurtagg, li għandu jkollu grad u awtorità suffiċċjenti, li jista' jkun l-istess uffiċjal imsemmi fir-regolament 5(5)(ċ), u li uffiċjali u impjegati tal-

VERŻJONI ELETTRONIKA

persuna suġġetta għandhom jirrapportawlu kull informazzjoni jew ħaġ'oħra li tista' twassal għal xi għarfien jew suspett li xi fondi, irrispettivament mill-ammont involut, ikunu ir-rikavat ta' attività kriminali jew ikollhom x'jaqsmu mal-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew li persuna setgħet kienet, hija, jew tista' tkun konnessa ma' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(b) il-kunsiderazzjoni ta' tali rapport mill-uffiċjal inkarigat mir-rappurtaġġ jew minn impjegat ieħor nominat tal-persuna suġġetta, fil-kuntest ta' kull informazzjoni oħra rilevanti, sabiex jiġi determinat jekk l-informazzjoni jew xi ħaġ'oħra li tkun tinsab fir-rapport twassalx għal xi għarfien jew suspett li xi flejjes, irrispettivament mill-ammont involut, ikunu ir-rikavat ta' attività kriminali jew ikollhom x'jaqsmu mal-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew li persuna setgħet kienet, hija, jew tista' tkun konnessa ma' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(ċ) aċċess mingħajr restrizzjoni għal-uffiċjal inkarigat mir-rappurtar jew għal impjegat nominat ieħor għal kull informazzjoni rilevanti miżmuma mill-persuna suġġetta;

(d) proċedura li biha l-uffiċjal inkarigat mir-rappurtaġġ jew impjegat nominat ieħor jippreżenta rapport lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skont is-subregolament (3) kull meta huwa jiddeċiedi li hemm għarfien jew suspett li xi fondi, irrispettivament mill-ammont involut, ikunu ir-rikavat ta' attività kriminali jew ikollhom x'jaqsmu mal-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew li persuna setgħet kienet, hija jew tista' tkun konnessa ma' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu;

(e) in-notifika li tingħata lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja u lill-awtorità ta' sorveljanza rilevanti, meta jkun il-każ, tal-partikolaritajiet tal-uffiċjal maħtur inkarigat mir-rappurtaġġ u ta' kull bidla sussegwenti f'dik il-kariga u tal-ħatra ta' impjegat nominat għall-finijiet tal-paragrafi (b) sa (d); u

(f) l-approvazzjoni mill-uffiċjal inkarigat mir-rappurtaġġ tal-impjegat nominat mill-persuna suġġetta għall-finijiet tal-paragrafi (b) sa (d) li għandu jaħdem taħt id-direzzjoni tiegħu.

(2) Awtorità sorveljanti għandu jkollha proċeduri ta' rappurtaġġ interni skont id-dispożizzjonijiet tas-subregolament (1).

(3) Meta persuna suġġetta tkun taf, tissuspetta jew ikollha dubji raġonevoli biex tissuspetta li xi fondi, irrispettivament mill-

VERŻJONI ELETTRONIKA

ammont involut, ikunu ir-rikavat ta' attività kriminali jew ikollhom x'jaqsmu mal-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew li persuna setgħet kienet, hija jew tista' tkun konnessa ma' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, dik il-persuna suġġetta għandha, malli jkun raġonevolment prattiku, imma mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta saret taf jew ikun tnissel is-suspett għall-ewwel darba, tiżvela dik l-informazzjoni, sostnuta minn identifikazzjoni rilevanti u minn dokumentazzjoni oħra, lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja.

(4) Meta persuna suġġetta tkun taf jew tissuspetta li operazzjoni għandha jew tista' jkollha x'taqsam ma' rikavat ta' attività kriminali jew mal-iffinanzjar ta' terroriżmu, il-persuna suġġetta m'għandhiex twettaq dik l-operazzjoni sakemm tkun għarrfet lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skont dan ir-regolament u, malli tgħarraf lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, hija għandha żżomm lura mill-eżekuzzjoni ta' dik l-operazzjoni kif hemm provdut taħt l-artikolu 28 tal-Att.

(5) Meta ma jkunx possibbli li persuna suġġetta żżomm lura milli twettaq operazzjoni qabel ma tkun għarrfet lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skont is-subregolament (4) jew meta ċ-ċħid mit-twettiq tal-operazzjoni x'aktarx li jtellef l-isforzi biex jiġu investigati jew segwiti l-benefiċjarji tal-*money laundering* jew ta' operazzjonijiet ta' ffinanzjar ta' terroriżmu suspettat, il-persuna suġġetta għandha tgħarraf dan lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja minnufih wara li tkun saret l-operazzjoni.

(6) Meta, wara li jitqies xi rapport intern kif hemm fis-subregolament 1(b), l-uffiċjal inkarigat mir-rappurtaġġ jew xi impjegat nominat ieħor jiddeċiedi li ma jkun meħtieġ ebda rappurtar lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja skont dan ir-regolament, l-uffiċjal inkarigat mir-rappurtaġġ għandu jniżżel bil-miktub ir-raġunijiet għal tali deċiżjoni u, meta ssirlu talba, għandu jgħaddi dan ir-rapport lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jew lill-awtorità ta' sorveljanti li tkun qiegħda taġixxi għan-nom tal-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja biex titħares il-konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(7) Meta awtorità sorveljanti issir taf b'xi fatti jew tikseb informazzjoni li jkollha x'taqsam ma' fondi li huma magħrufin jew li hemm suspett li huma relatati ma' rikavat ta' attività kriminali jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew ma' xi persuna li setgħet kienet, hija jew tista' tkun konnessa ma' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, dik l-awtorità sorveljanti għandha, malli jkun raġonevolment prattiku, imma mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta tkun saret taf bil-fatti jew tkun inkisbet l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

informazzjoni, tiżvela dawk il-fatti jew dik l-informazzjoni, sostnuta minn dokumentazzjoni rilevanti li tkun disponibbli, lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja.

(8) Meta, wara li jiġi ppreżentat l-iżvelar kif hemm fis-subregolament (3), jew għal xi raġuni oħra permess mil-liġi, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jitlob informazzjoni mingħand il-persuna li tiżvela jew mingħand xi persuna suġġetta oħra, dik il-persuna suġġetta għandha tikkonforma ruħha kemm jista' jkun raġonevolment malajr imma mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta t-talba tkun saret għall-ewwel darba:

Iżda l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', meta jqis li jkun hekk meħtieġ, jitlob li l-informazzjoni tiġi ppreżentata f'perjodu iqsar ta' żmien;

Iżda wkoll persuna suġġetta tista' tressaq ilmenti li jiġġustifikaw ir-raġuni għaliex l-informazzjoni mitluba ma tkunx tista' tiġi ppreżentata fiż-żmien stipulat u l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', fid-diskrezzjoni tiegħu u wara li jkun qies dawk l-ilmenti, itawwal dak iż-żmien hekk kif ikun raġonevolment meħtieġ sabiex tinkiseb l-informazzjoni, fejn għalhekk il-persuna suġġetta għandha tippreżenta l-informazzjoni mitluba f'dak iż-żmien li jkun ġie mtawwal.

(9) Persuni suġġetti li jkunu qegħdin jiġġestixxu attività rilevanti taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "attività rilevanti" m'għandhomx ikunu marbutin bid-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (3), (4) u (8) fir-rigward ta' informazzjoni li tiġi riċevuta jew li tinkiseb filwaqt li tkun qegħda tiġi aċċertata l-pożizzjoni legali tal-klijent tagħhom jew ikunu qegħdin jaqdu d-dmirijiet tagħhom li jiddefendu jew jidhru għal dak il-klijent fi, jew dwar, proċeduri ġudizzjarji, inklużi pariri dwar jekk għandhomx isiru jew jiġu evitati proċeduri, sew jekk dik l-informazzjoni tiġi riċevuta jew tinkiseb qabel, matul jew wara dawk il-proċeduri.

(10) Kull kommunikazzjoni jew żvelar *bona fide* li jsiru minn awtorità sorveljanti jew minn persuna suġġetta jew minn impjegat jew direttur ta' tali awtorità sorveljanti jew persuna suġġetta kif hemm f'dawn ir-regolamenti m'għandhomx jiġu trattati bħala ksur tad-dmir li jinżammu sigrieti professjonali jew xi restrizzjoni oħra (sew jekk impost b'xi dmir jew xort'oħra) dwar l-iżvelar ta' informazzjoni u m'għandhomx jinvolvu lil dik l-awtorità sorveljanti jew lil persuna suġġetta jew lid-diretturi jew impjegati ta' dik l-awtorità sorveljanti jew persuna suġġetta f'ebda responsabbiltà ta' liema xorta tkun, ukoll f'ċirkostanzi fejn dawn ma kinux sewsew jafu bl-attività kriminali sottostanti u irrispettivament minn jekk l-attività illegali tkunx fil-fatt

VERŻJONI ELETTRONIKA

ġrat jew le.

(11) Kull awtorità investigattiva, li tħarrek, ġudizzjarja jew amministrattiva u kull persuna suġġetta għandha tħares u żżomm bħala kunfidenzjali l-identità ta' persuni u impjegati li jirrapportaw suspetti ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, jew suspetti li xi flejjes ikunu ir-rikavat ta' xi attività kriminali sew internament sew lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja.

(12) Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja għandu, kull meta jkun prattikabbli u skont kif ikun permess taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att, jipprovdi b'mod tempestiv lil persuni suġġetti u, meta jkun il-każ, lill-awtoritajiet sorveljanti, *feedback* dwar l-effettività ta' rapporti dwar operazzjonijiet suspettużi u ta' kull informazzjoni oħra li jirċievi taħt dan ir-regolament.

Projbizzjoni ta' żvelar.

16. (1) Persuna suġġetta, awtorità sorveljanti, kull uffiċjal jew impjegat ta' persuna suġġetta jew awtorità sorveljanti, jew kull persuna li minn għandha l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jkun talab xi informazzjoni skont dawn ir-regolamenti jew l-artikolu 30 tal-Att, jew kull persuna oħra li tkun wasslet informazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, li tiżvela lill-persuna involuta jew lil xi terza persuna, b'mod ieħor minn kif previst f'dan ir-regolament, il-fatt li tkun intalbet xi informazzjoni mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jew li tkun ġiet imwassla jew tista' titwassal informazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, jew li tkun twettqet, tkun qegħda, jew tista' titwettaq xi analiżi jew investigazzjoni, tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn mija u ħmistax-il elf euro (€115,000) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal dik il-multa u priġunerija flimkien.

(2) Kull żvelar li jsir f'dawn iċ-ċirkostanzi li ġejjin m'għandux jikkostitwixxi reat taħt is-subregolament (1):

(a) kull żvelar lill-awtorità sorveljanti rilevanti għal dik il-persuna suġġetta jew lil aġenziji li jinfurzaw il-liġi kif hemm fil-liġi li tkun tapplika;

(b) kull żvelar bejn persuna suġġetta li twettaq kummerċ finanzjarju rilevanti u persuna oħra li twettaq attivitajiet ekwivalenti għal kummerċ finanzjarju rilevanti, sew jekk tinsab fi Stat Membru sew jekk f'xi pajjiż terz, li jifformaw parti mill-istess grupp u japplikaw *policies* u proċeduri mifruxa fuq grupp kif provdut dwarhom fir-regolament 6;

(ċ) kull żvelar bejn persuna suġġetta li tagħmel

VERŻJONI ELETTRONIKA

attivitajiet taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "attività rilevanti" u persuna oħra li tagħmel attivitajiet ekwivalenti għal dawk taħt il-paragrafi msemmija fi Stat Membru jew f'xi pajjiż terz fejn jiġu imposti ħtiġiet bħal dawk stipulati f'dawn ir-regolamenti, li jwettqu l-attivitajiet professjonali tagħhom, sew bħala impjegati sew mhumiex, fi ħdan l-istess persuna ġuridika jew fi ħdan struttura akbar li jappartjenu għaliha u li hi kompartečipi fi proprjetà, amministrazzjoni jew kontroll tal-konformità komuni;

(d) kull żvelar bejn persuna suġġetta li tagħmel kummerċ finanzjarju rilevanti jew l-attivitajiet imsemmija taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "attività rilevanti" u persuna oħra mill-istess kategorija professjonali li tkun tinsab fi Stat Membru jew f'xi pajjiż terz li timponi ħtiġiet bħal dawk stipulati f'dawn ir-regolamenti u f'każijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-istess klijent u mal-istess operazzjoni, sakemm dawk il-persuni jkunu soġġetti għal obbligi dwar is-segretezza professjonali u l-protezzjoni ta' *data* personali;

(e) kull żvelar minn persuna suġġetta matul proċedimenti istitwiti kontra l-persuna suġġetta għal, jew bħala konsegwenza ta', in-nuqqas jew dewmien fit-twettiq ta' operazzjoni, quddiem xi qorti kompetenti, tribunal jew awtorità ġudizzjarja oħra f'Malta jew barra minn Malta, inkluż kull żvelar li jsir f'xi atti bil-miktub jew sottomissjonijiet, li l-persuna suġġetta tkun żammet lura milli twettaq xi operazzjoni kif meħtieġ u kif hemm fl-artikolu 28 tal-Att:

Iżda kull żvelar taħt dan il-paragrafu m'għandux jikkostitwixxi reat taħt is-subregolament (1) biss meta kull żvelar bħal dak isir wara li jgħaddi l-perjodu ta' żmien imsemmi fil-proviso mal-artikolu 28(1) tal-Att, u meta jkun il-każ, wara li jgħaddi kull perjodu ta' żmien li matulu l-eżekuzzjoni tal-operazzjoni tkun opposta mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif hemm fl-artikolu 28 tal-Att;

(f) kull żvelar minn persuna suġġetta lil awtorità sorveljanti jew korp professjonali li jkun qed jeżerċita superviżjoni jew sorveljanza regolatorja fuq dik il-persuna suġġetta, magħmul b'risposta għal xi inkjesta jew azzjoni minn dik l-awtorità sorveljanti jew korp professjonali dwar in-nuqqas jew dewmien tal-persuna suġġetta fit-twettiq ta' operazzjoni, li l-persuna suġġetta tkun ċaħdet milli twettaq xi operazzjoni kif meħtieġa li tagħmel bl-artikolu 28 tal-Att:

Iżda kull żvelar taħt dan il-paragrafu m'għandux

VERŻJONI ELETTRONIKA

jikkostitwixxi reat tas-subregolament (1) biss fil-każ meta kull żvelar bħal dak isir wara li jgħaddi l-perjodu ta' żmien imsemmi fil-proviso mal-artikolu 28(1) tal-Att, u meta jkun il-każ, wara li jgħaddi kull perjodu ta' żmien li matulu l-eżekuzzjoni tal-operazzjoni tkun opposta mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja kif hemm fl-artikolu 28 tal-Att.

(3) Il-fatt li persuna suġġetta li tagħmel attivitajiet taħt il-paragrafu (a) jew il-paragrafu (ċ) tat-tifsira "attività rilevanti" tkun qegħda tara kif tiddisswadi lil xi klijent milli jieħu sehem f'attività illegali m'għandux jikkostitwixxi reat taħt is-subregolament (1).

Proċeduri ta' implimentazzjoni.

17. Il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja, bi ftehim mal-awtorità sorveljanti, jista' joħroġ proċeduri u linji gwida hekk kif jista' jkun meħtieġ għall-ġestjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, u li dawn ikunu jorbtu lil persuni suġġetti.

Setgħa li jtemm relazzjoni kummerċjali.

18. Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jkun jaf jew ikollu b'mod raġonevoli għaliex jissuspetta li, b'konnessjoni ma' xi relazzjoni kummerċjali stabbilita minn persuna suġġetta, ikun qiegħed isir, ikun sar jew li kien hemm attentat li jsir xi *money laundering* jew iffinanzjar ta' terroriżmu, jew li dik ir-relazzjoni kummerċjali tista' żżid ir-riskju ta' *money laundering* jew l-iffinanzjar ta' terroriżmu, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista', meta ċ-ċirkostanzi hekk ikunu jeħtieġu, jitlob lil dik il-persuna suġġetta tittermina dik ir-relazzjoni kummerċjali f'perjodu ta' żmien stipulat.

Rappurtar perjodiku.

19. Fit-twettiq tal-funzjonijiet ta' sorveljanza tiegħu taħt l-Att, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jitlob lil persuni suġġetti sabiex jippreżentaw rapporti perjodiċi fuq il-*policies* u proċeduri li jżommu u japplikaw skont ir-regolament 5 u kull informazzjoni jew dokumenti oħra kif il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jqis li jkunu meħtieġa.

Format ta' informazzjoni.

20. Meta persuna suġġetta tkun mitluba sabiex tipprovdi xi informazzjoni lill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja taħt l-Att, dawn ir-regolamenti u kull proċedura jew linji gwida maħruġa taħt dawn ir-regolmanenti, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jitlob li dik l-informazzjoni tingħata elettronikament u jista' jistabbilixxi il-format li fih l-informazzjoni għandha tiġi provduta.

Pieni.

21. (1) Kull persuna suġġetta li tonqos milli tkun konformi ma' kull ħtieġa legali, ordni jew direttiva leġittima maħruġa mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja taħt dawn ir-regolamenti jew l-Att teħel piena amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf u ħames mitt euro

VERŻJONI ELETTRONIKA

(€46,500) fir-rigward ta kull nuqqas separat biex tkun konformi ma' dik il-ħtieġa legali, ordni jew direttiva leġittima.

(2) Persuna suġġetta li tikser xi dispożizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi proċeduri jew linji gwidi maħruġa skont ir-regolament 17 teħel piena amministrattiva ta' mhux inqas minn elf euro (€1,000) u mhux iżjed minn sitta u erbgħin elf u ħames mitt euro (€46,500) fir-rigward ta' kull nuqqas separat.

(3) Pieni amministrattivi taħt dawn ir-regolamenti għandhom jiġu imposti mill-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja mingħajr il-ħtieġa ta' seduta quddiem il-qorti u skont il-*policies* u proċeduri stabbiliti mill-Bord ta' Gvernaturi msemmi fl-Att, li jistgħu jiġu imposti jew bħala piena fissa ta' darba biss jew fuq bażi kumulattiva ta' kuljum, jew it-tnejn flimkien.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista':

(a) fir-rigward ta' kontravvenzjonijiet żgħar u meta ċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, jimponi piena amministrattiva inqas mill-minimu stabbilit taħt dawn ir-regolamenti imma mhux inqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) jew joħroġ ċanfira bil-miktub minflok piena amministrattiva; u

(b) fir-rigward ta' kontravvenzjonijiet gravi, ripetuti jew sistematiċi ta' dawn ir-regolamenti jew ta' xi proċeduri jew linji gwidi maħruġa skont ir-regolament 17, jimponi pieni amministrattivi kif ġej:

(i) fil-każ ta' persuna suġġetta li tkun qegħda twettaq xi attività rilevanti, piena amministrattiva ta' mhux iżjed minn miljun euro (€1,000,000) jew, meta l-benefiċċju li jinkiseb minn dik il-kontravvenzjoni jista' jiġi kwantifikat, mhux iżjed minn darbtejn l-ammont tal-benefiċċju hekk miksub; jew

(ii) fil-każ ta' persuna suġġetta li tkun qegħda twettaq kummerċ finanzjarju rilevanti, piena amministrattiva ta' mhux iżjed minn ħames miljun euro (€5,000,000) jew ta' mhux iżjed minn għaxra fil-mija (10%) tal-fatturat annwali totali kif ikun jidher mill-aħħar dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali approvati li jkunu disponibbli:

Iżda, meta l-persuna suġġetta tkun impriża ewlenija jew sussidjarja ta' impriża ewlenija li tkun

VERŻJONI ELETTRONIKA

tenħtieġ li tipprepara kontijiet konsolidati, il-fatturat annwali totali rilevanti jkun il-fatturat annwali totali li jirriżulta mill-aħħar kontijiet konsolidati disponibbli approvati mill-impriża ewlenija.

(5) Pieni amministrattivi imposti fuq bażi kumulattiva ta' kuljum m'għandhomx ikunu inqas minn mitejn u ħamsin euro (€250) u l-piena akkumulata m'għandhiex tkun ta' iżjed mill-massimu stipulat taħt is-subregolamenti (1), (2) u (4)(b) kif jista' jkun il-każ.

(6) Meta l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jimponi piena amministrattiva fuq persuna suġġetta, dan għandu b'mod tempestiv jgħarraf lill-awtorità sorveljanti rilevanti jew lil xi awtorità oħra, korp jew kumitat responsabbli għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, reġistrazzjoni jew ir-regolament ta', jew l-għoti ta' *warrant* lill-persuna suġġetta involuta, u għandu jipprovdi kull informazzjoni rilevanti fuq il-kontravvenzjoni li hu jqis li tkun meħtieġa.

(7) Meta ssir kontravvenzjoni skont is-subregolamenti (1), (2) u (4) minn persuna suġġetta li tkun korp jew assoċjazzjoni oħra ta' persuni, sew korporattiva jew inkorporata, il-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' jimponi l-piena amministrattiva applikabbli fuq kull persuna li fil-waqt illi seħħet il-kontravvenzjoni kienet direttur jew xi uffiċjal ieħor simili responsabbli mill-amministrazzjoni ta' dak il-korp jew assoċjazzjoni ta' persuni, jew li kienet qegħda tidher li qegħda taġixxi f'dik il-kariga, kemm-il darba dik il-persuna ma tippruvax li dik il-kontravvenzjoni saret mingħajr l-għarfien tagħha u li hija eżerċitat kull diliġenza dovuta sabiex tipprevjeni l-kontravvenzjoni milli ssir:

Iżda l-Korp għall-Analisi ta' Informazzjoni Finanzjarja jista' wkoll, b'żjieda mal-piena amministrattiva msemmija, jirrakomanda lil kull awtorità sorveljanti rilevanti jew lil kull awtorità oħra jew korp responsabbli għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, reġistrazzjoni jew ir-regolament tal-persuna suġġetta involuta, li l-persuna jew persuni hawn qabel imsemmija jiġu prekluži milli jeżerċitaw il-funzjonijiet maniġerjali ma' xi persuna suġġetta, hekk kif jista' jitqies li jkun adatt.

(8) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-regolament huma mingħajr pregudizzju għall-poteri ta' xi awtorità sorveljanti jew ta' xi awtorità, korp jew kumitat ieħor responsabbli għall-awtorizzazzjoni, liċenzjar, reġistrazzjoni, jew ir-regolament ta', jew l-għoti ta' *warrant* lil persuni suġġetti, li tieħu kull azzjoni jew miżura regolatorja li tista' tieħu skont il-liġi applikabbli u li tqis approprjata fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Revoka tar-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu, L.S. 373.01.

22. Ir-Regolamenti kontra *Money Laundering* u Finanzjar ta' Terroriżmu huma b'dawn revokati, u din ir-revoka m'għandha bl-ebda mod:

(a) taffettwa t-tħaddim preċedenti tar-regolamenti li qegħdin jiġu hekk revokati b'dawn ir-regolamenti jew kull ħaġa magħmula jew imġarrba taħt dawk ir-regolamenti;

(b) taffettwa l-bidu, it-tkomplija jew l-infurzar ta' xi inkjesta, investigazzjoni jew proċedimenti legali taħt ir-regolamenti li qegħdin jiġu hekk revokati jew l-impożizzjoni ta' xi piena jew kastig taħt id-dispożizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti.